VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,798, 8 ta' Ġunju, 2017

Taqsima B

A.L. 170 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM (Hons) – u Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM (Hons) – u Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004, għall-gradi ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM (Hons) – and Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 451 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul fil-Kors**

5. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, għandhom ikollhom dawk il-kwalifiki relevanti għat-tieni qasam ta' studju prinċipali ordinarju magħżul kif indikat fl-ordinamenti għall-grad tagħhom fil-qasam ta' studju offrut taħt il-patroċinju tal-entità akkademika responsabbli għad-dixxiplina."